MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

**6 ta' Awwissu, 2018**

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL- KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li:

# Is-Sur Peter Farrugia, detentur tal-karta tal-identità (337161m)

ma onorax id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal- Konsumaturi.

Il-konsumaturi kienu ordnaw xi għamara mill-bejjiegħ u ħallsuh ammont konsiderevoli ta' flus sabiex hu ilesti x-xogħol meħtieġ. Għalkemm kien għadda żmien mhux ħażin, huwa ma rnexxilux ilesti l-ordni.

It-Tribunal f' seduta minnhom ta' lill-bejjiegħ aktar ħin biex ilesti, imma tliet xhur aktar tard, il-bibien li tlestew kienu ta' kwalità fqira ħafna.

Għalhekk, it-Tribunal innota li l-bejjiegħ ingħata biżżejjed żmien biex jiffinalizza x-xogħol u huwa naqas milli jagħmel dan, u kien ordnat iħallas is-somma ta' €3,000 lill-konsumaturi.

Josephine Borg

Direttur Ġenerali ( Affarjiet tal-Konsumatur)

MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000